

**Talbiet tar-rikorreni**

- tikkonstata l-ksur tal-Artikolu 5 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-Artikolu 20, u, konsegwentement, tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-2 ta' Lulju 2008 u tat-8 ta' Diċembru 2008;
- tirrikonoxxi d-dritt tar-rikorreni għal allowance tal-istallazzjoni pprovduta fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal flimkien mal-interessi moratorji sa mid-data li fiha din kienet dovuta u sad-data tal-ħlas effettiv, bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' rifinanzjament u applikabbli fil-perijodu kkonċernat b'żieda ta' żewġ punti;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2009 — Noël vs Il-Kunsill****(Kawża F-31/09)**

(2009/C 129/38)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorreni:* Isabelle Noël (Rosières-Saint-André, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni li taħtar lir-rikorreni uffiċjal taħt prova safejn din id-deċiżjoni taffetwaha matul il-karriera AST 1-7.

**Talbiet tar-rikorreni**

- tannulla d-deċiżjoni tat-13 ta' Novembru 2006 li taħtar lir-rikorreni uffiċjal safejn din taffetwaha matul il-karriera AST 1-7;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' April 2009 — Andrikopoulou vs Il-Kunsill****(Kawża F-32/09)**

(2009/C 129/39)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorreni:* Anna Andrikopoulou (Rodhé Saint Genèse, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorreni ma tiġix promossa għall-grad AST 7 għall-proċedura ta' promozzjoni tal-2008 u, sa fejn hemm bżonn, tad-deċiżjonijiet li jiġu promossi għal dan il-grad, uffiċjali li anqas jimmeritaw dan

**Talbiet tar-rikorreni**

- Tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li r-rikorreni ma tiġix promossa għall-grad AST 7 għall-proċedura ta' promozzjoni tal-2008 u, sa fejn hemm bżonn, tad-deċiżjonijiet li jiġu promossi għal dan il-grad, uffiċjali li ma jimmeritawx dan;
- Tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' April 2009 — Tzvetanova vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-33/09)**

(2009/C 129/40)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorreni:* Aglika Tzvetanova (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Oġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad lir-rikorreni l-allowance ta' espatrijazzjoni prevista fl-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Talbiet tar-rikorreni**

- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li ma tagħtix l-allowance ta' espatrijazzjoni lir-rikorreni;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.